**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 19/2015**

**Alfred Blundell, detentur bil-karta tal-identita' numru 478942M, mandatarju ta' huh Anthony u martu Eleanora Blundell, assenti minn Malta**

**vs**

**John Cilia**

**Illum 16 ta' Novembru, 2015**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk;

1. Illi l-esponenti nomine jikru lill-intimat l-fond numru 19 [dsatax] Old College Street, Sliema versu l-kera ta' mija hamsa u tmenin ewro [€185] pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem fl-iskadenzi ta' 1 ta' Jannar u 1 ta' Lulju ta' kull sena.

2. Illi l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kera billi minkejja li gie debitament interpellat diversi drabi mill-esponenti, ma hallasx puntwalment il-kera ghall-iskadenzi ta' 1 ta' Lulju 2014 u 1 ta' Jannar 2015, u fil-fatt l-intimat minn dejjem kien tardiv fil-hlas tal-kera lill-esponenti.

3. Illi oltre hekk, l-intimat ma hux qieghed jaghmel dik il-manutenzjoni spettanti lilu fil-fond 'de quo' u dan kif sejjer jigi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u in vista tal-fatt illi hija l-umli fehma ta' l-esponenti illi s-socjeta' intimata m'ghandhiex difiza x'taghti ghat-talbiet attrici, l-esponenti jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord illi, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvediment opportuni, dan l-Onorabbli Bord joghogbu, b'applikazzjoni tad-dizposizzjonijiet tal-Art 16A tal-Kap 69 jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond numru 19 [dsatax] Old College Street, Sliema u dan entro terminu qasir u perentorju illi jigi prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimat inkluz dawk tal-ittri legali tas-16 ta' Ottubru 2014 u 7 ta' Jannar 2015, l-intimat huwa ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni gudizzjarja spettanti lill-esponenti kontra l-intimat ghall-pagament ta' l-arretrati tal-kera dovuti mill-intimat lill-esponenti u ghad-danni sal-gurnata ta' l-izgumbrament effettiv.

Ra li l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promotur u bid-digriet tas-26 ta' Frar 2015 bil-procedura tal-pubblikazzjoni fl-1 ta' Gunju 2015;

Ra li l-intimat kien debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh bil-procedura tal-pubblikazzjoni fit-30 t'Ottubru 2015 ghas-seduta tas-16 ta' Novembru 2015;

Ra illi minkejja li kien notifikat l-intimat naqas li jidher quddiem il-Bord fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2015;

Sema' lir-rikorrent Alfred Blundell fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2015, jikkonferma illi minn mindu saret il-kawza u mindu ghamel l-ahhar affidavit tieghu ma nbidel xejn.

Ra li l-imsemmi rikors ghandu r-rekwiziti mehtiega mil-ligi sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Iddecieda:

Il-Bord filwaqt li qed jipprocedi bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-Artikolu 16A (1) (b) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jilqa' t-talba rikorrenti kif dedotta fir-rikors odjern u ai fini ta' l-istess jipprefiggi terminu perentorju ta' zmien xahar mil-lum ghall-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond; bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur